# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Digriet tal-Erbgha 16 ta' Mejju 2018**

**Fl-atti tac-Citazzjoni bin-numru : 464/1986/GC**

**Francis Vella, Emanuel Vella, Francis Agius bin Giovanna armla Agius, Vittorio Vella, Doris mart Philip Gatt, Joseph Vella bin Carmelo Vella, Lora *sive* Lorenza mart Joseph Schembri, u b'nota tad-29 ta' April 1994 Carmen Muscat, mart Anthony Muscat u l-istess Anthony Muscat ghal kull interess li jista' jkollu, assumew l-atti tal-kawza minflok l-attrici Francis Agius, u b'nota tat-22 ta' Marzu 2002, Francis Vella, John Vella, Evangelista mart Carmelo**

**Vella, Lorenza mart Angelo Abela, May mart Carmel Charles Vella, Rita mart Emanuel Mallia, Maria Dolores *sive* Doris mart Emanuel Meli, Emanuel Vella u Joseph Vella assumew l-atti tal-kawza *stante* l-mewt ta' missierhom l-attur Emanuel Vella, u b'digriet tas-6 ta' Jannar 2004, Carmen mart Anthony Muscat, Lorenzo, Doris mart Anthony Montebello u Giovanna, Salvatore, Francesco, Giuseppe, Maria mart Jimmy Agius, ilkoll ahwa Vella assumew l-atti tal-kawza minflok missierhom l-attur Vittorio Vella li miet fil-mori tal-kawza**

**vs**

**Gio Maria Vella u b'digriet tal-15 ta' Dicembru giet kjamata fil-kawza Vittoria Buhagiar, u b'digriet tas-26 ta' Ottubru 1993 il-Qorti ordnat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem Orazio Vella *stante* l-mewt ta' Gio Maria Vella fil-mori tal-kawza**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors ta’ Carmela Muscat (detentrici tal-karta tal-identita` bin-numru 181048 (M)) datat 1 ta’ Marzu 2018 fejn esponiet :

IIIi l-esponenti kienet parti attrici fil-kawza fl-ismijiet premessi illi giet deciza b'sentenza moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti nhar l-20 ta' Ottubru 2006, kopja ta' liema qieghda tigi annessa u mmarkata bhala "Dokument CM1";

Illi permezz tal-imsemmija sentenza, dina l-Onorabbli Qorti iddecidiet bil-mod illi gej:

*Tiddeciedi fuq it-talbiet attrici billi tilqa’ l-istess talbiet u tordna u tistabilixxi s-segregazzjoni tal-partijiet ta' raba’ divizi bil-kuntratt ta' divizzjoni datat 4 ta' April 1964, liema porzjonijiet divizi jappertjenu lill-kontendenti u liema porzjonijiet ta' raba’ jifformaw l-ghelieqi maghrufa Ta’ Zakkarin, Ta’ Batteria u Ta’ Sellun, rispettivament, fil-kontrada tal-Bizbizija, limiti Mosta, u dana skont ma gie konstatat mill-periti addizzjonali fir-relazzjonijiet taghhom b'mod partikolari r-relazzjoni ulterjuri u dak li hu muri fil-pjanta Dok. AB4 annessa mal-istess relazzjoni ulterjuri u b'hekk qed jigu definittivament stabbiliti l-konfini bejn il-porzjonijiet divizi ta' raba’ appartenenti lill-istess kontendenti;*

*Spejjez jithallsu kwantu ghal sitt partijiet minn sebgha mill-atturi u kwantu ghar-rimanenti parti wahda minn sebgha mill-konvenuti.*

IIIi sal-lum il-gurnata s-sentenza moghtija ma gietx ezegwita u l-esponenti ghandha kull interess illi l-istess sentenza tigi ezegwita skont il-ligi u entru t-terminu stabbilit fl-artikolu 258 (a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob illi dina l-Onorabbli Qorti jghogobha taghti dawk il-provvedimenti kollha mehtiega sabiex tigi ezegwita l-ordni moghtija fis-sentenza ta' nhar l-20 ta' Ottubru 2006, inkluz billi tahtar perit tekniku ghal tali ghan, u senjatament sabiex tigi stabbilta s-segregazzjoni tal-partijiet ta' raba' divizi bil-kuntratt ta' divizjoni datat 4 ta' April 1964, liema porzjonijiet divizi jappertjenu lill-kontendenti u liema porzjonijiet ta' raba' jifformaw l-ghelieqi maghrufa "Ta' Zakkarin", "Ta' Batteria" u "Ta' Sellun", rispettivament, fil-kontrada tal-Bizbizija, limiti Mosta, u dana skont ma gie konstatat mill-periti addizzjonali fir-relazzjonijiet taghhom b'mod partikolari r-relazzjoni ulterjuri u dak li hu muri fil-pjanta Dok. AB4 annessa mal-istess relazzjoni ulterjuri u dana taht dawk il-provvedimenti illi dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' Marzu 2018 fejn ordnat in-notifika lill-kontro-parti b'ghoxrin (20) jum ghar-risposta.

Rat li Orazio Vella, debitament notifikat ma wegibx.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi dan hu rikors ghall-ezekuzzjoni ta' sentenza ta' din il-Qorti kif diversament presjeduta moghtija fl-20 ta' Ottubru 2006.

Fit-talba taghhom ir-rikorrenti qed jitolbu *inter alia* li din il-Qorti tahtar perit tekniku ghall-esekuzzjoni tas-sentenza.

Il-Qorti taqbel li t-talba hija gustifikata billi l-ezekuzzjoni tas-sentenza tinvolvi aspetti teknici sabiex tigi stabbilita fattwalment is-segregazzjoni ordnata bis-sentenza surriferita.

Ghaldaqstant din il-Qorti ser tghaddi biex tilqa' t-talba.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta u ghal dan il-ghan tinnomina lill-**Perit Mario Cassar** sabiex jaccedi fuq il-post u jistabbilixxi l-porzjonijiet divizi tal-kontendenti rispettivament skont il-pjanta **DOK AB4** annessa fl-atti li hija parti integrali mis-sentenza imsemmija, kollox kif ordnat fis-sentenza, u dan a spejjez kwantu ghall-6/7 mir-rikorrenti u 1/7 mill-intimat.

**L-ispejjez jithallsu kwantu ghall 6/7 mir-rikorrenti u 1/7 mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**16 ta' Mejju 2018**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**16 ta' Mejju 2018**